MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1919/2003

**Associated Supplies Limited**

**vs**

**Joseph u Sylvana Urry**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tnax il-lira Maltin (Lm312.00) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' aircondioning unit mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuti ai termini tal-ordni ffirmata minnhom fl-20 ta' Lulju 2002 (Dok. A.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali b'effett mill-10 ta' Awissu 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tnax il-lira Maltin (Lm312.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------